# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2014**

**Numru 1**

**Citazzjoni numru 271/04 SM**

**Bathroom Design Limited**

**v.**

**Frank Paul Sammut u martu Maria Concetta Sammut**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Il-konvenuti Sammut intavolaw żewġ appelli:

(i) wieħed mid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Ottubru 2007, fejn ġiet miċħuda t-talba tagħhom għall-isfilz tad-dokumenti

esebiti mis-soċjetá attriċi minn fol 93 sa 290; huma qed jitolbu lil din il-qorti tirrevoka tali digriet u tordna l-isfilz tal-imsemmija dokumenti; u

(ii) ieħor mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Novembru 2012, fejn ġew ikkundannati jħallsu lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' Lm5,438; huma qed jitolbu lil din il-qorti tirrevoka tali sentenza, tilqa' l-eċċezzjoni (tal-preskrizzjoni) tagħhom, u tiċħad it-talbiet tas-soċjetá attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetá appellata.

***2.*** Is-soċjetá attriċi intavolat appell inċidentali li permezz tiegħu qed titlob lil din il-qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti u kkundannathom iħallsuha l-ammont mitlub minnha, u tinkludi ordni biex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha l-imgħax legali. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

***3.*** Għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qed tiġi riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-21 t'April, 2004, li permezz taghha s-socjeta` attrici sintetikament ippremettiet is-segwenti:
>
> 1. "Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' hamest elef, erba' mija u tmienja u tletin Lira Maltin, (LM5,438.00), bilanc dovut wara bejgh u konsenja tal-merkanzija hemm indikata u xoghol konness;

2. “Illi ghalkemm interpellati biex jeffettaw il-hlas dovut, il-konvenuti fuq indikati baqghu inadempjenti;

3. “Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u ghalhekk il-procedura odjerna giet intavolata ai termini tal-artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Illi konsegwentement is-socjeta` attrici sejjhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti biex jghidu ghaliex din m’ghandhiex:

1.“Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2.“Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma fuq gia` ndikata;

3.“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

“Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-17 ta’ Mejju, 2004, li permezz tieghu, wara li semghet is-sottomissjonijiet fir-rigward, iddekretat li hemm eccezzjonijiet x’jinghataw u allura akkordat terminu specifiku ghal dan il-ghan, (ara fol 10 et sequitur);

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-3 ta’ Gunju, 2004, li permezz taghha l-konvenuti sintetikament eccepew is-segwenti:

1. “Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li preskritti ai termini tal-artiklu 2148 (b) tal-Kodici Civili;

2. “Salv eccezzjonijiet ohra;

“Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 t’Ottubru, 2004, li permezz tieghu il-kawza kienet differita ghall-provi kollha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jekk ikun il-kaz, ghat-trattazzjoni finali dwar l-eccezzjoni preliminari, (ara fol 46 et sequitur);

“Rat it-talba tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenuti datata l-20 ta’ Marzu, 2007, li permezz taghha talab l-isfilz tad-dokumenti kollha hemm indikati, (min fol 90 sa fol 290 tal-process), (ara fol 296 et sequitur);

“Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-17 t’Ottubru, 2007, li permezz tieghu cahdet it-talba ndikata fil-paragrafu precedenti, (ara fol 301 et sequitur);

“Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-29 t’April, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex jisma’ l-provi kollha f’din il-kawza, (ara fol 308 et sequitur);

"Rat id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta datat is-26 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu rrevokat contario imperio n-nomina tal-assistent gudizzjarju ghar-raguni hemm indikata, (ara fol 342 et sequitur);

"Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata t-2 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha annetta l-inkartament li kien mghoddi lill-assistent gudizzjarju, (ara fol 350 et sequitur);

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivament datati, dik tas-socjeta` attrici l-25 t'April, 2012, filwaqt li dik tal-konvenuti l-10 ta' Lulju, 2012;

"Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

"Ikkunsidrat:

"Illi ai termini tad-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-25 t'Ottubru, 2004, li qatt ma gie sostitwit sussegwentement, jigi ribadit li d-decizjoni odjerna hi limitata ghall-epurazzjoni ta' din l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti;

"Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni partikolari sollevata mill-konvenuti hi dik naxxenti mill-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Illi dan l-artikolu sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

> "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax –il xahar:
>
> "L-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut";

"Ikkunsidrat:

"Illi l-fatti in dizamina rigwardanti l-eccezzjoni de quo jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. "Illi s-socjeta` attrici kienet bieghet il-merkanzija in dizamina lill-konvenuti fil-perjodu bejn l-1999 u l-2003, (ara fol 48 et sequitur);

2. "Illi l-merkanzija kienet komplessivament tinkludi erba' kmamar tal-banju u ammont sostanzjali ta' madum;

3. "Illi tul il-perjodu fuq indikat li fih gie kondott in-negozju de quo, jirrizulta li l-konvenuti kienu jintavolaw pagament akkont;

4. "Illi meta rrizulta li l-konvenuti waqfu milli jkomplu l-pagamenti minnhom dovuti, kienu jigu kkuntattjati minn rapprezentant tas-socjeta` attrici li kien jigi nfurmat mill-istess konvenut li l-pagamenti

dovuti minnhom kienu ser jithallsu u ma kien hemm l-ebda problema fir-rigward;

5. “Illi l-konvenuti ma ressqu l-ebda ilment mas-socjeta` attrici rigwardanti l-kwalita` tal-merkanzija lilhom mghoddija;

6. “Illi meta l-kwistjoni tal-pagament dovut saret aktar pressanti jirrizulta li l-konvenut kien informa lis-socjeta` attrici li kien fil-process li jbiegh xi appartament, fejn mir-rikavat kien ser jissalda l-ammont dovut;

7. “Illi rinfaccati b’din is-sitwazzjoni, s-socjeta` attrici ppreparat kambjala li ghalkemm il-konvenut kellu jmur jiffirmaha f’April, 2003, dan ma resaqx biex jaghmel hekk;

8. “Illi l-istess konvenut informa lis-socjeta` attrici biex ma tipprocedix bi procedura legali fil-konfront tieghu ghaliex issa kien f’pozizzjoni li jhallas l-ammont rimanenti minnu dovut stante li kkonkluda konvenju;

9. “Illi di piu`, sussegwentement intlahaq ukoll ftehim bejn il-kontendenti biex is-socjeta` attrici ssellef il-flus lilha dovuti mill-konvenut biex b’hekk il-kont de quo jinghalaq;

10. “Illi nonostante cio`, il-kuntratt fit-termini tal-paragrafu precedenti qatt ma wasal biex jigi ffirmat mill-konvenut;

11. “Illi effettivament meta s-socjeta` attrici skopriet li l-konvenuti ma setghux ihallsu l-ammont rimanenti minnhom dovut, intavolaw il-procedura de quo;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghal fini tal-perjodu preskrittiv sollevat mill-istess konvenuti, senjatament dak ta’ tmintax –il xahar, ghandu jinghad is-segwenti:

1. “Illi hawn si tratta ta’ relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet fejn is-socjeta` attrici forniet lill-konvenuti bil-merkanzija fuq riferita ghall-prezzijiet pattwiti;

2. “Illi din ir-relazzjoni jirrizulta li kienet wahda kontinwa li bdiet fl-1999 u tterminat fl-2003;

3. “Illi effettivament jirrizulta li fit-tahditiet kontinwi li kienu ghaddejjin bejn il-partijiet, dawn baqghu sejrin tal-anqas sa Settembru 2003, fejn il-konvenut jirrizulta li:

i. “Kien ghadu jirrikonoxxi d-debiti tieghu favur is-socjeta` attrici;

ii. “Kien ghadu jassigura lis-socjeta` attrici li ha jaghmel tajjeb ghall-ammonti minnu dovuti stante li kien ghadu jilluzinga lill-istess socjeta` biex tirredigi daqqa kambjala u daqqa kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu favur taghha;

iii. “Illi nonostante dan, kull ma rrizulta hu biss prokrastinar kontinwu ntiz biss biex il-konvenuti jevitaw il-mument tal-pagament dovut;

“Ikkunsidrat:

“Illi in vista tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta li d-data operattiva ghall-finijiet tal-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti hi dik ta’ Settembru, 2003;

“Illi jirrizulta assodat li l-procedura odjerna giet intavolata fil-21 t’April, 2004;

“Illi ghalhekk minn Settembru 2003 sa April 2004, il-perjodu ta’ preskrizzjoni rikjamat mill-konvenuti ma jirrizultax li gie superat;

“Ikkunsidrat:

“Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-perjodu preskrittiv rikjamat dejjem kien kostantement interrott stante li fid-diskussjonijiet bejn il-partijiet il-konvenut mhux biss irrikonoxxa l-ammonti dovuti izda dejjem strada lis-socjeta` attrici biex tikkristallizza d-debitu dovut b’mod dokumentat kemm b’fatturi relattivi u/jew b’kambjali jew kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu;

“Illi in effetti, l-procedura adottata mill-konvenuti hi fil-fatt ekwivalenti ghall-dilazzjoni fil-pagament jew forsi b’mod aktar car ghal luzingar intiz li jbieghed il-gurnata tal-pagament finali kemm jista’ jkun biex forsi anke b’xi mod jghaddiha lixxa;

“Illi tali attitudini qatt ma tista’ ssib l-avall taghha minn awtorita` gudizzjarja li tirrispetta s-sovranita` tad-dritt intiza bhala garanzija ghall-kummerc serju;

“Illi in effetti ghandu wkoll jigi ribadit kif ritenut minn din il-qorti diversament preseduta fil-kaz fl-ismijiet **Galea vs Attard** tas-**26 ta’ Mejju, 2004**:

> “Kif pacifikament akkolt tali rikonoxximent hu meqjus bhala kawza nterruttiva tal-preskrizzjoni, u dan ir-rikonoxximent jista’ jkun anke prezunt jew indirett u lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta … “, (Kollez. Vol. XLIII P. II p. 744);

"Illi di piu`, kif irriteniet il-qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Vella vs Borg datata s-16 ta' Settembru, 1994:

> "Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa nterrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu";

"Ikkunsidrat:

"Illi epurat is-suespost ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni de quo, hu issa ghaqli li tigi ndirizata l-kwistjoni kif sollevata fil-meritu;

"Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi nnotat li l-konvenuti jinsabu f'silenzju assolut, kwazi ekwivalenti ghal stat ta' kontumacia, stante li fl-eccezzjonijiet taghhom ghazlu biss li jistriehu fuq il-preskrizzjoni u xejn aktar;

"Ikkunsidrat:

"Illi fil-meritu jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. "Illi kienet tezisti relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti fejn is-socjeta` attrici forniet lill-konvenuti bil-merkanzija fuq riferita u fejn il-konvenuti kienu jeffettwaw pagamenti in akkont;

2. "Illi mill-fatturi pprezentati in atti jirrizulta assodat li l-ammont pretiz, mis-socjeta` attrici hu debitament dovut mill-konvenuti ghall-merkanzija minnhom mixtrija u utilizzata;

3. "Illi fil-fatt, il-konvenuti ghazlu li ma jindirizzawx din il-vertenza;

"Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti tqis li l-konvenuti naqsu jipprovaw l-eccezzjoni preliminari minnhom sollevata u konsegwentement din il-qorti qed tirrespingi din l-istess eccezzjoni;

"Illi di piu`, in vista tar-rizultanzi kif fuq sintetikament esposti, takkolji t-talbiet tas-socjeta` attrici u konsegwentement:

1. "Tiddikjara li l-konvenuti konjugi Sammut fuq indikati huma debituri versu s-socjeta` attrici ghall-ammont ta' hamest elef, erba' mija u tmienja u tletin Lira Maltin, (LM5,438.00), ghall-merkanzija lilha kkonsenjata u ghax-xoghol konness;

2. "Tikkundanna lill-konvenuti fuq imsemmija biex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont likwidat indikat fil-paragrafu precedenti;

3. "Bl-ispejjez kontra l-konvenuti fuq imsemmija".

**Rikors tal-appell tal-konvenuti Sammut (29.11.2012)**

**4.** Il-konvenuti Sammut ħassew ruħhom aggravati bid-digriet u bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dawn l-appelli minnhom. L-aggravji relattivi tagħhom huma s-segwenti:

*A: L-aggravji fir-rigward tad-digriet tas-17 ta' Ottubru 2007*

**5.** Iż-żewġ raġunijiet li jagħtu l-konvenuti appellanti għaliex fil-fehma tagħhom messu ġie milqugħ ir-rikors tagħhom għall-isfilz tad-dokumenti esebiti minn fol 93 sa 290 huma dawn:

(i) id-dokumenti ġew esebiti wara li s-soċjetá attriċi kienet għalqet il-provi tagħha; u

(ii) id-dokumenti m'humiex relatati mal-21 *delivery note/invoice* li abbażi tagħhom is-soċjetá attriċi intavolat il-kawża odjerna.

*B: L-aggravji fir-rigward tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2012*

**6.** In kwantu għas-sentenza (fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni [Art. 2148(b)] u fejn ġie dikjarat li fil-mertu l-ammont pretiż mis-soċjetá attriċi huwa fil-fatt dovut) il-konvenuti appellanti jagħtu s-

segwenti raġunijiet għaliex fil-fehma tagħhom għandha tiġi revokata:

(i) mid-data tal-aħħar delivery note (08.03.2002) sad-data tal-preżentata tal-kawża (21.04.2004) għaddew aktar minn 25 xahar u għalhekk iktar mit-terminu ta' 18-il xahar stabbilit mill-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili;

(ii) fir-rigward tal-allegazzjoni tas-soċjetá attriċi li l-konvenut kien ammetta li kellu jħallasha xi ammont, jgħidu li dan mhux biss ġie kategorikament miċħud minnu, iżda d-dokumentazzjoni maħruġa mis-soċjetá attriċi fil-fatt tikkonferma li ma kien hemm l-ebda pendenza dwar *delivery notes*;

(iii) għalkemm l-ewwel Qorti kkonkludiet li kien hemm taħditiet bejn il-partijiet li baqgħu sejrin mill-inqas sa Settembru 2003, jilmentaw illi waslet għal tali konklużjoni billi "*straħet ċekament*" fuq xi allegazzjonijiet magħmula mis-soċjetá attriċi mingħajr ma kkonsidrat ix-xhieda tagħhom (il-konvenuti), u addirittura ma qisietx ix-xhieda "*konfużjonarja*" tar-rappreżentanti tas-soċjetá attriċi;

(iv) fir-rigward tal-kopja tal-konvenju li l-konvenut kien bagħat lis-soċjetá attriċi, jgħidu li mhux minnu li kien bagħatha biex juri li kien fil-proċess li jbiegħ xi appartament u li mir-rikavat kien ser jissalda l-

ammont allegatament dovut lilha. Apparti li jaċċennaw għall-fatt li tali konvenju kien f'isem soċjetá u mhux wieħed personali, jispjegaw li dan kien intbagħat bħala *specimen* minn Rita Farrugia għall-finijiet ta' konvenju ieħor li sar sussegwentement ma' ko-impjegata ta' Marco Chetcuti;

(v) Fir-rigward tal-allegazzjoni li d-direttur tas-soċjetá attriċi kien personalment offra li jagħti self lill-konvenut biex b'hekk titħallas is-soċjetá attriċi, jargumentaw illi din il-verżjoni hija inkredibbli għall-aħħar;

(vi) Jgħidu wkoll li tant mhux minnu li kien hemm hemm xi ammissjoni da parti tal-konvenut illi lanqas ma ġie ppreżentat xi dokument fir-rigward. Jaċċennaw għax-xhieda ta' Mark Said fejn xehed illi kien ipprova jikkuntattja lill-konvenut biex jiffirma d-draft tal-kuntratt iżda "*kien dejjem jevitani*" u għax-xhieda ta' Marco Chetcuti fejn qal li kien ġie abbozzat ftehim iżda "*ppruvajna naqbduh ħafna drabi (u) hu qatt ma kellimna*".

(vii) B'referenza għad-dokument Dok A anness maċ-ċitazzjoni, jirreferu għall-fatt li l-*opening balance* fil-01/01/2003 huwa Lm0.00. Jaċċennaw ukoll għall-fatt li apparti xi *charges* aġġuntivi fuq l-istess dokument hemm riferenza għal "*Sales Invoice 94813*" datat 14/10/2003 fl-ammont ta' Lm5,252.94 (li huwa l-bażi tal-kawża). Jgħidu illi pero`

mid-dokumenti esebiti mis-soċjetá attriċi waqt il-mori tal-kawża (Dok BD et seq) jirriżulta li s-"*sales invoice*" datat 14/10/2003 effettivament ma kienx invoice iżda rendikont ta' serje ta' fatturi oħra riferibbli għall-perijodu bejn is-27.10.2000 u t-08.03.2002, u għalhekk bl-aħħar fattura maħruġa iktar minn sentejn qabel ma ġiet intavolata l-azzjoni odjerna. Għalhekk isostnu li l-pretensjoni tas-soċjetá attriċi ma tirreferix għal negozji wara Marzu 2002.

(viii) Fi kwalunkwe każ isostnu li kwalsiasi ammont oriġinarjament dovut lis-soċjetá attriċi kien ġie debitament imħallas u totalment saldat, u jgħidu li dan jirriżulta mhux biss mill-affidavit tal-konvenut iżda wkoll mis-serje ta' *statements* maħruġa mis-soċjetá attriċi, partikolarment dawk bejn il-21/12/2001 u t-28/06/2002 (Dok FPS2 sa FPS7) fejn jirriżulta li s-soċjetá attriċi stess kienet f'diversi okkażjonijiet irrikonoxxiet li l-unika pendenza kienet fl-ammont ta' Lm15 liema ammont ġie saldat kif indikat fir-riċevuta relattiva Dok FPS1.

(ix) Jaċċennaw għall-fatt li mix-xhieda tas-soċjetá attriċi jirriżulta li kienu joħorġu riċevuti manwalment (u mhux fuq *letterhead* tas-soċjetá attriċi) u li l-pagamenti ta' Lm5,370.00 li huma għamlu, u li ġew rikonoxxuti mir-rappreżentanti tas-soċjetá attriċi waqt il-kawża, ma jirriżultaw imkien fil-konteġġi u fid-dokumenti mressqa mis-soċjetá attriċi. Jgħidu li similment, fl-*istatements* ippreżentati minnha, lanqas ma

tiffigura l-*credit note* maħruġa lill-konvenut fl-ammont ta' Lm5331.90 li jgħidu li hija konferma ulterjuri li kien ħallsu l-ammont reklamat.

(x) Jgħidu li l-prova tal-pagament permezz ta' riċevuti manwali u sussegwentement rikonoxxut mid-dokument uffiċjali Dok FPS17 huwa mhux biss prova tal-mod amatorjali ta' kif is-soċjetá attriċi żżomm il-kotba tagħha u li t-talba tagħha hija legalment u fattwalment infondata, iżda wkoll tal-inverosimiljanza tal-allegazzjoni tagħha li l-konvenut kien irrikonoxxa li kien debitur.

(xi) Il-konvenuti appellanti jiċħdu bl-iktar mod enfatiku li qatt aċċettaw li kien hemm xi pendenza bejnhom u bejn is-soċjetá attriċi, tant li saru jafu bil-pretensjoni tagħha biss permezz tal-kawża odjerna. Jgħidu li l-konvenut anqas biss ġie avviċinat mis-soċjetá attriċi għal perijodu ta' kważi sentejn u nofs wara l-aħħar transazzjoni.

(xii) Isostnu illi tenut kont tal-fatt li s-soċjetá attriċi rrikonoxxiet li l-aħħar negozju sar fit-8 ta' Marzu 2002, u li f'mument ieħor addirittura qalet li l-aħħar delivery note hija datata Awwissu 2001, allura l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tagħhom għandha tiġi milqugħa.

**Risposta tas-soċjetá appellata Bathroom Design Ltd (11.12.2012)**

**7.** Is-soċjetá attriċi Bathroom Design Ltd wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

*A: Fir-rigward tad-**digriet** tas-17 ta' Ottubru 2007*

**8.** Fir-rigward tad-digriet li permezz tiegħu ġie miċħud ir-rikors tal-konvenuti għall-isfilz tad-dokumenti esebiti a fol 93 sa 290 issostni li ma hemm l-ebda raġuni għaliex din il-qorti m'għandhiex tikkonfermah. Taċċenna għall-fatt illi l-konvenuti l-ewwel kienu eċċipew li t-talba hija preskritta u li mbagħad kien fi stadju aktar tard fil-kawża li l-konvenut beda jsostni li fil-mertu kien ħallas kollox. Tispjega li kien għalhekk li hija allura ppreżentat id-dokumenti kollha relatati man-negozji li saru mal-konvenuti.

*B: Fir-rigward tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2012*

**9.** Fir-rigward tal-ilment tal-konvenuti illi l-ewwel Qorti "*straħet ċekament*" fuq l-allegazzjonijiet magħmulin minnha mingħajr ma kkunsidrat ix-xhieda tagħhom, u li addirittura ma kkonsidratx ix-xhieda "*konfużjonarja"* tar-rappreżentanti tagħha, hija ssostni li l-ewwel Qorti kkonsidrat il-verżjonijiet tal-partijiet u waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni

tagħha hija l-verżjoni kredibbli.

**10.** Tgħid li bħala fatt huma l-konvenuti li m'humiex kredibbli meta jgħidu li ħallsu l-ammont kollu:

(i) taċċenna għall-fatt li fl-eċċezzjonijiet qajjem biss il-preskrizzjoni u qatt ma qajjem id-difiża li ħallas l-ammont kollu;

(ii) issostni li mhux minnha l-ispjegazzjoni li jagħtu l-konvenuti fir-rigward tal-konvenju: tgħid li l-kopja tal-konvenju li kien bagħtilha l-konvenut kien proprju biex juri li dalwaqt ser ikollu l-flus biex iħallas l-ammont dovut minnu;

(iii) issostni wkoll li huwa minnu li d-direttur tagħha (David Camilleri) kien personalment offra li jagħti self lill-konvenuti biex hija tkun tista' titħallas – tispjega li fir-rigward tas-self id-direttur kien se jiggarantixxi l-ħlas permezz ta' ipoteka;

(iv) tindika l-mod evażiv ta' kif il-konvenut ikkomporta ruħu fil-kontro-eżami tiegħu;

**11.** Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2148(b) li l-konvenuti qajmu bħala l-unika difiża tagħhom, is-soċjetá

attriċi (anke b'riferenza għall-ġurisprudenza) tissottometti s-segwenti:

(i) l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata tifsira restrittiva u jekk jeżisti dubju għandu jmur kontra min jeċċipiha;

(ii) l-eċċezzjoni tal-pagament mhux inkompatibbli ma' dik il-preskrizzjoni, iżda hija inkompatibbli invece l-eċċezzjoni tal-ineżistenza assoluta tal-kreditu – f'dan ir-rigward is-soċjetá attriċi tgħid illi l-konvenuti ma qajmux l-eċċezzjoni tal-pagament iżda li ma kien hemm xejn dovut billi t-talba hi preskritta;

(iii) min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu jagħmel prova sodisfaċenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda' jiddekorri;

(iv) il-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2148(b) hija applikabbli għall-krediti ta' merkanzija mibjugħa bl-imnut (*retail*) – f'dan ir-rigward is-soċjetá attriċi ssostni fil-każ in kwistjoni kien hemm sensiela twila ta' xiri b'kont miftuh u għalhekk il-preskrizzjoni eċċepita ma tapplikax;

(v) Art. 2133: ir-rikonoxximent tad-dritt da parti tad-debitur tinterrompi l-preskrizzjoni – f'dan ir-rigward is-soċjetá attriċi ssostni li l-konvenut effettivament irrikonoxxa d-debitu in kwantu mill-provi jirriżulta li f'Ġunju 2002, Jannar 2003, April 2003, Awwissu 2003 u Settembru 2003 kien

talab iktar żmien għall-ħlas. Tgħid li l-konvenut oriġinarjament kien aċċetta li jiffirma kambjali, imbagħad aċċetta li jissellef ammont mingħand David Camilleri personalment u saħansitra kien anke qallu biex jipprepara abbozz tal-kuntratt tas-self biex jurih lill-accountant; taċċenna wkoll għall-fatt li kien ta kopja ta' konvenju personali tiegħu lil Mark Said biex jurih li fi ftit żmien kien ser ikollu *cash flow* u għalhekk kien ser ikun f'posizzjoni li jħallas.

**Appell Inċidentali tas-soċjetá attriċi**

**12.** Is-soċjetá attriċi flimkien mar-risposta tal-appell tagħha intavolat appell inċidentali mis-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu l-konvenuti ma ġewx ordnati jħallsu imgħax. Tilmenta illi jekk fl-att taċ-ċitazzjoni ma tkunx saret talba biex fuq is-somma mitluba jiddekorri l-imgħax, xorta waħda l-qorti tista' tikkundanna lill-konvenut iħallas l-imgħax legali.

**13.** Ma jidhirx li l-konvenuti rrispondew għal dan l-appell inċidentali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti**

*A: Id-digriet tas-17 ta' Ottubru 2007*

**14.** Il-konvenuti flimkien mal-appell mis-sentenza finali tat-13 ta'

Novembru 2012 appellaw ukoll mid-digriet tal-ewwel Qorti tas-17 ta' Ottubru 2007, li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tagħhom għall-isfilz tad-dokumenti ppreżentati mis-soċjetá attriċi minn fol 93 sa fol 290.

**15.** Dan l-appell sar korrettement ai termini tal-Artikolu 229(1)(j) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> "*Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:*
> *…………..*
> "*(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti ta' kawża;*
> *…………....".*

**16.** Din il-qorti qieset li Dok BD huwa *statement* li juri s-sekwenza tat-transazzjonijiet kollha li saru bejn il-partijiet minn Ġunju 1999 sa Marzu 2002, u l-imgħax li baqa' jiżdied kull xahar. Għaldaqstant jinkludu wkoll it-transazzjonijiet li tagħhom qed jintalab il-ħlas mertu tal-kawża odjerna. Dok BDI bażikament jikkonsisti f'*invoices* li tagħhom qed jiġi pretiż il-ħlas (li kienu diġa ġew esebiti u għalhekk se mai huma sempliċiment ripetuti), Dok BDII jikkonsisti f'riċevuti b'kopja ta' *cheques* fejn sar il-ħlas u Dok BDIII jikkonsisti f'kopji ta' *invoices* li skont is-soċjetá attriċi tħallsu.

**17.** Ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qorti tal-ewwel istanza li tippermetti parti fil-kawża tipproduċi provi wara li tkun għalqet il-provi tagħha għal raġunijiet li l-ewwel Qorti jkun jidhrilha li huma xierqa u din

il-Qorti ma tarax li hemm raġuni valida għaliex tinterferixxi fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-regolamentazzjoni tal-produzzjoni tal-provi.

**18.** Għaldaqstant din il-qorti qegħda tiċħad l-appell tal-konvenuti u konsegwentement qegħda tikkonferma d-digriet tas-17 ta' Ottubru 2007 fejn ġiet miċħuda t-talba għall-isfilz tad-dokumenti kollha li jinsabu a fol 93 sa 290 tal-atti.

*B: Is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2012*

**19.** Kif spjegat fid-dettall *supra*, l-ewwel Qorti in linea preliminari ddikjarat illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti hija infondata peress li l-perijodu preskrittiv kien konstantement interrott kull darba li l-konvenut irrikonoxxa l-ammont pendenti; fil-mertu kkonkludiet illi l-ammont pretiż mis-soċjetá attriċi kien debitament dovut.

**20.** Il-konvenuti appellati ħassew ruħhom aggravati b'din id-deċiżjoni, kemm għaliex jiċħdu li qatt kien hemm tali rikonoxximent ta' debitu da parti tagħhom u għalhekk ma kien hemm l-ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll għaliex fi kwalsiasi każ, isostnu li effettivament ma għandhom l-ebda pendenza mas-soċjetá attriċi billi kienu ħallsuha tal-merkanzija li xtraw mingħandha.

**21.** Qabel ma din il-qorti tibda' biex tikkonsidra l-kwistjoni dwar jekk il-perijodu preskrittiv sollevat mill-konvenuti ġiex fil-fatt interrott jew le, hija tal-fehma li jkun opportun li tinvesti, għall-kjarezza, l-argument li għamlet is-soċjetá attriċi fir-risposta tal-appell tagħha (u li kienet anke għamlet fis-sottomissjonijet tagħha) li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti fl-ewwel lok mhix applikabbli għal żewġ raġunijiet: kemm għaliex l-azzjoni mhix waħda ta' kreditur għall-prezz tal-merkanzija mibjugħa bl-imnut, u kif ukoll għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-ineżistenza assoluta tal-kreditu. (L-ewwel Qorti għażlet li tinjora għal kollox dawn l-argumenti).

*(i) L-applikabillita` o meno tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2148(b)*

**22.** L-Artikolu 2148(b) sollevat mill-konvenuti jiddisponi illi "*l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut*" jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax(18)-il xahar. Is-soċjetá attriċi targumenta li l-bejgħ tal-merkanzija in kwistjoni ma jikkwalifikax bħala bejgħ bl-imnut għaliex kien hemm sensiela twila ta' xiri b'kont miftuħ. Iżda dan mhux il-kriterju li bih wieħed għandu jiddistingwi bejgħ li huwa bl-imnut u bejgħ li huwa bl-ingrossa. Fil-fatt l-istess sentenza[1] li tiċċita minnha s-soċjetá attriċi tgħid hekk:

[1] **Attard v. Refalo**, 15.11.1892 (Kol. Vol. XIII.294)

"*La legge non definisce I relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e` che il primo vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro*".

**23.** Il-konvenuti xtraw il-merkanzija mingħand is-soċjetá attriċi għall-konsum personali tagħhom[2] u mhux biex jerġgħu jbiegħuha lil ħaddieħor u jagħmlu negozju minnha. Għalhekk hawnhekk kjarament si tratta ta' bejgħ bl-imnut. Il-fatt li l-konvenuti għamlu "*sensiela twila ta' xiri*" huwa totalment irrilevanti. Daqstant ieħor irrilevanti huwa l-fatt kellhomx kont miftuħ jew le.

*(ii) L-inkompatibilita` tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma' dik tal-ineżistenza tad-debitu*

**24.** Stabbilit li ċ-ċirkostanzi tal-każ effettivament jinkwadraw taħt l-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, wieħed irid jara jekk il-fatt li fil-mori tal-kawża l-konvenuti sostnew li ħallsu l-ammont pretiż mis-soċjetá attriċi jirrendix l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnhom inapplikabbli. Is-soċjetá attriċi f'dan ir-rigward tirreferi għal sentenza mogħtija mill-Appell Inferjuri[3]:

"*L-eċċezzjoni tal-pagament mhix inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni. Hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dik tal-ineżistenza assoluta tal-kreditu jew tal-kompensazzjoni. (Volum*

[2] erba' kmamar tal-banju u ammont ta' madum (skont il-konvenut, għad-dar tagħhom)
[3] **Raymond Vella v. Moby Rentals**, App Inferjuri, 22.11.2001

*XXX.i.964)*"

u targumenta illi l-konvenuti odjerni ma qajmux l-eċċezzjoni tal-pagament iżda li ma kien hemm xejn dovut billi t-talba hija preskritta, u allura jiġi li qed iqajmu l-ineżistenza assoluta tal-kreditu.

**25.** Din il-qorti hija tal-fehma li lanqas hawnhekk m'għandha raġun is-soċjetá attriċi: fl-ewwel lok il-konvenuti qajmu eċċezzjoni waħda biss (tal-preskrizzjoni) u għalhekk teknikament mhux il-każ li wieħed jara jekk hemmx kompatibilita` ma' eċċezzjoni oħra, ladarba ma hemmx eċċezzjoni oħra; fit-tieni lok in-nuqqas ta' eċċezzjoni fil-mertu ma tammontax għal eċċezzjoni tal-ineżistenza tal-kreditu; u fit-tielet lok il-fatt li l-konvenuti fil-mori tal-kawża sostnew li huma fil-fatt ħallsu l-ammont pretiż jammonta fih innifsu għal rikonoxximent tal-eżistenza tad-debitu. Għaldaqstant fuq l-ebda binarju ma jista' jingħad li hemm inkompatibilita` mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

*(iii) Il-perijodu bejn l-aħħar invoice u d-data tal-att taċ-ċitazzjoni*

***26.*** Għalkemm is-soċjetá attriċi tibbaża l-pretensjoni tagħha fuq "*Sales Invoice*" bin-numru 94813 datata 14 ta' Ottubru 2003[4], dan id-dokument fil-fatt m'hu xejn għajr lista ta' *delivery notes* bil-prezz tal-merkanzija relattiva għal kull waħda. Jekk wieħed jara d-*delivery notes*

[4] Ara Dok BD, fol 12, *sales invoice* datata 14.10.2003, fl-ammont ta' Lm5252.94. (Fiċ-ċitazzjoni qed titlob Lm5,438 minħabba xi charges addizzjonali – Ara Dok A, fol 5)

innifishom[5] jirriżulta li dawn jirrappreżentaw merkanzija li ġiet ikkonsenjata bejn is-27 ta' Ottubru 2000 u t-8 ta' Marzu 2002. Għalhekk, bejn l-aħħar *delivery note* u d-data li fiha ġiet intavolata din il-kawża (21 ta' April 2004) għaddew fil-fatt iktar minn tmintax(18)-il xahar. *Prima facie* jidher għalhekk li l-azzjoni hija preskritta.

*(iv) L-interruzzjoni o meno tal-preskrizzjoni*

***27.*** Biex twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, s-soċjetá attriċi ssostni li l-perijodu preskrittiv ġie interrott diversi drabi għaliex tallega li l-konvenut diversi drabi rrikonoxxa li kien debitur fil-konfront tagħha. Il-konvenuti dan jiċħduh. Din il-qorti qieset bir-reqqa l-verżjonijiet taż-żewġ naħat f'dan ir-rigward.

• *Il-verżjoni tas-soċjetá attriċi*

***28.*** Marco Chetcuti (*salesman* mas-soċjetá attriċi) xehed illi l-konvenut kien jagħmel pagamenti akkont u li ħin minnhom waqaf. Qal li l-konvenut pero` kien jipprometti li kien ser iħallas u spjega li hu żamm notamenti f'dan ir-rigward:

18.06.2002 jgħid li hu u l-accountant Mark Said kienu ċemplu lill-konvenut biex jissetilja l-bilanċ u li hu wiegħed li kien ser iħallas dik il-ġimgħa stess;

[5] Dok BD1 sa BD 21 (fol 13 sa 41)

Jannar 03 jgħid li kien reġa' ċempel lill-konvenut u dan wiegħdu li kien ser iħallas sal-aħħar tax-xahar;

04.04.2003 jgħid li hu u Mark Said reġgħu ċemplu u qalilhom li ma kellux problemi biex iħallas, tant li sussegwentement bagħtilhom kopja ta' konvenju[6] datat 08.04.2003 biex jurihom li kif ibiegħ il-proprjeta` kien ser iħallas;

Settembru 03 jgħid li d-direttur David Camilleri kien avżah li kien ftiehem mal-konvenut li jsellfu xi flus biex dan ikun jista' jħallas il-bilanċ dovut lis-soċjetá attriċi. Jgħid li għalkemm sar draft tal-agreement il-konvenut qatt ma kellimhom u qatt ma ġie ffirmat. Jgħid li anke bgħatulu kopja reġistrata u saħansitra mar hu personalment u ħallielu kopja mal-konvenuta, iżda l-konvenut la qatt ħallas l-ammont dovut u lanqas iffirma l-kuntratt ta' self.

**29.** Mark Said (l-*accountant* tas-soċjetá attriċi) ikkonferma l-verżjoni ta' Chetcuti.

**30.** David Camilleri (direttur tas-soċjetá attriċi) qal li l-accountant Mark Said kien ġibidlu l-attenzjoni li l-konvenut ma kienx qed iħallas. Qal li fuq pressjoni li saret mill-*accounts department* f'April 2003, il-konvenut

[6] Konvenju Dok MCX1 a fol 50-52

qalilhom biex jippreparaw kambjala biex jiffirmaha. Qal li meta ma ġiex jiffirmaha reġgħu ċemplulu u qalihom li kien għadu kemm għamel konvenju u li kif ibiegħ il-proprjeta` kien ser iħallas. Żied jgħid li f'Awwissu 2003 reġa' ċempillu u qallu li kellu problemi ta' *cash flow* u għalhekk ftehmu li huwa (Camilleri) jsellfu xi flus biex ikun jista' jissetilja l-kont pendenti mas-soċjetá attriċi, iżda qal il-kuntratt ta' self li pprepara baqa' ma ġiex iffirmat mill-konvenut u beda anke jevita t-telefonati tagħhom. Qal li fis-17 ta' Marzu 2004 saħansitra mar personalment l-uffiċċju tiegħu f'San Ġwann u hemmhekk mid-diskussjoni li kellhom skopra li ma kienx f'posizzjoni li jħallas.

• *Il-verżjoni tal-konvenuti*

**31.** Il-verżjoni tal-konvenuti fir-rigward tar-rikonoxximent tad-debitu pretiż minnhom hija ferm kontrastanti ma' dik tas-soċjetá attriċi. Fl-ewwel lok jgħid illi l-aħħar ordni li kien għamel u l-aħħar li kien kellem lil Marco Chetcuti kien f'Settembru 2001. Isostni li f'dak il-mument il-materjal li kellu bżonn jixri kien xtrah u ħallsu kollu. Jgħid li xi sentejn wara kien sab messaġġ fl-uffiċċju tiegħu li kien ċempillu Marco Chetcuti u li xtaq dettalji ta' prezzijiet u kondizzjonijiet dwar xiri ta' appartament. Jispjega li kien għalhekk li għaddhielu kopja ta' konvenju li kien għamel qabel (dak tat-8 ta' April 2003). Jgħid li għalkemm ma reġax kellmu fuq xi flat, fil-bidu tal-2004 ċertu Ruth Gatt li kienet taħdem mas-soċjetá

attriċi u l-partner tagħha kienu fil-fatt għamlu konvenju.[7]

**32.** Ikompli jgħid li f'Ottubru 2003 kien irċieva telefax ta' ittra datata 14 ta' Ottubru 2003[8] li fuqha kien hemm indikat li fl-1 ta' Ottubru 2003 kien hemm *opening balance* ta' zero u kien hemm ukoll riferenza għal *sales invoice* datata 14 ta' Ottubru 2003 fl-ammont ta' Lm5,232.94. Jgħid illi peress li kien ċert li kien ħallas kollox wasal għall-konklużjoni li kien hemm xi żball, iżda xahar wara irċieva ittra datata 13 ta' Novembru 2003[9] fejn ġie mgħarraf li kellu jħallas il-bilanċ ta' Lm5,285.94. Spjega li għalhekk kien ċempel lil Mark Said u:

> "…*għidtlu li ma kelli nagħti xejn u hu qalli li dik l-ittra kienet intbagħtet bi żball min-naħa tal-accounts tagħhom. Jien kont għidtlu li dawn l-iżbalji m'humhiex sbieh, u hu kien weġibni li f'kumpanija kbira bħal ma hi tagħhom fejn hemm ħafna idejn dawn setgħu jiġru. Fil-fatt biex iserraħli rasi li dak kien żball min-naħa tagħhom, kien bagħtli dokument bid-data 01/01/04 li juri li l-ammont kien ġie "reversed" Dok FPS17- fol 83)*".

**33.** Din il-qorti fil-fatt tosserva li Dok FPS17[10] (*Credit Note 30029*) datat 1 ta' Jannar 2004 u indirizzat lill-konvenut, jindika li kien hemm "Reversal of Balance due including 15% VAT" fl-ammont ta' Lm5331.90. (Lm5.331 fil-fatt kien l-ammont indikat bħala dovut fuq l-*istatement* Dok BD[11] fid-data tal-1 ta' Diċembru 2003 bl-interessi li s-soċjetá attriċi kienet bdiet iżżid).

---

[7] Konvenju ta' Ruth Gatt datat 13.02.2004, fol 363-365
[8] Fol 12
[9] Dok FBSB, fol 368
[10] Dok FPS17, fol 83
[11] Dok BD, fol 94-97

**34.** Il-konvenut ikompli jgħid li ftit taż-żmien wara, f'Marzu 2004, David Camilleri kien mar isibu l-uffiċċju tiegħu f'San Ġwann. (Fil-fatt, kif spjegat iktar 'il fuq, l-istess David Camilleri kkonferma li kien personalment mar l-uffiċċju tal-konvenut). Għalkemm jidher li Camilleri kien mar biex jippressah biex iħallas, il-verżjoni tal-konvenut hija din:

> "*Jien kont fakkartu li kont ħallast kollox mal-ordnijiet u li ma kelli nagħti xejn lill-Bathroom Design u li s-sur Said stess kien ikkonfermali li dan kien żball min-naħa tagħhom u li kien anke bagħtli konferma bil-miktub. Hu kien qalli li jaf li nixtri bis-sistema tal-SUS*[12] *u li kien ser ikellem lill-ħaddiema tiegħu biex jara x' ġara eżatt u għalhekk tajtu n-numru tal-mowbajl tiegħi biex jekk ikollu bżonn hu jkun jista' jsibni mill-ewwel. Hu ma kellimnix, iżda ftit wara rċevejt il-karti dwar din il-kawża*".

**35.** Din il-qorti in vista ta' dan kollu hija tal-fehma ferma illi wara l-aħħar merkanzija li ġiet konsenjata lill-konvenuti (u fit-8 ta' Marzu 2002) ma kien hemm l-ebda rikonoxximent da parti tagħhom ta' xi debitu li kien dovut da parti tagħhom. L-allegazzjoni ta' tali rikonoxximent hija totalment waħda unilaterali da parti tas-soċjetá attriċi u mhix korroborata lanqas b'dokument wieħed: imqar *email*[13] b'referenza għal xi konversazzjoni rigwardanti xi kambjala, jew rigwardanti xi self li allegatament kellu jsir lill-konvenut minn David Camilleri, jew rigwardanti l-konvenju li skont is-soċjetá attriċi ġie mgħoddi lilha mill-konvenut biex juri li daqt kien ser idaħħal xi flus u għalhekk kien ser ikun f'posizzjoni li

[12] "SUS" jindika li x-xogħol ikun tħallas mal-ordni u imbagħad ikun ġie kkonsenjat wara. (L-invoices relattivi għat-talba odjerna fil-fatt huma kollha indikati "SUS" fuq in-naħa ta' fuq, fuq ix-xellug.)

[13] Il-konvenut kellu uffiċċju bis-segretarja b'kollox, u għalhekk kienet tkun l-aktar ħaġa faċli u prattika li ssir komunikazzjoni b'dan il-mezz bejn il-partijiet

jħallas.

**36.** Invece hemm il-*credit note* tal-1 ta' April 2004 li permezz tagħha ġie "*reversed*" l-ammont li s-soċjetá attriċi bdiet titlob lill-konvenut iħallas: l-ewwel permezz ta' fax f'Ottubru 2003, imbagħad permess ta' ittra f'Novembru 2003. Tali *credit note* timmilita ferm kontra t-teżi tas-soċjetá attriċi u ferm favur it-teżi tal-konvenuti. In oltre l-kontestazzjoni immedjata tal-konvenut sussegwentement għall-interpellazzjonijiet li sarulu għall-ħlas f'Ottubru u Novembru 2003 mhux kompatibbli mal-allegazzjoni tas-soċjetá attriċi li bejn Ġunju 2002 u Settembru 2003 kien qed jirrikonoxxi li kellu jagħti xi flus.

**Decide:**

**37.** Għal dawn il-motivi din il-qorti:

(i) tilqa' l-appell tal-konvenuti u tirrevoka s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2012,

(ii) tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-istess konvenuti;

(iii) konsegwentement tiċħad it-talba tas-soċjetá attriċi;

(iv) tiċħad l-appell inċidentali tas-soċjetá attriċi rigwardanti l-imgħaxijiet.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjetá attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb